# Messaġġ taċ-Chairman




John Bonello, Chairman tal-Bank HSBC Malta p.l.c.

Ninsabu kuntenti li qed inħabbru livell sodisfaċenti ħafna ta' profitti u dividendi proposti għall-2023. Dan kien minħabba li l-bank ibbenefika kemm minn sena sħiħa ta' rati ta' imgħax favorevoli kif ukoll mix-xogħol għaqli li sar fl-immaniġjar tar-riskji tan-negozju tagħna u l-effiċjenza tal-operat u l-ispejjeż tagħna. L-ekonomija lokali wkoll marret tajjeb b'mod notevoli minkejja it-turbolenza fl-ambjent internazzjonali li rat żieda inkwetanti f'avvenimenti ġeopolitiċi negattivi. L-inċertezza tkompli tkun is-sentiment dominanti. L-aħbar it-tajba dwar ir-rati ta' inflazzjoni li qed jonqsu fl-ekonomiji l-kbar qegħda tkun imxekkla mit-tħassib dwar it-tfixkil fil-kummerċ u ż-żieda fl-ispejjeż li dawn iġibu magħhom. Lokalment, l-inflazzjoni saret kwistjoni li qed tingħata attenzjoni, madankollu l-prospetti ekonomiċi għadhom tajbin.

Il-Bank tagħna jibqa' ffukat bis-sħiħ biex jipprovdi esperjenza mtejba għall-klijenti u l-impjegati tagħna. Ninsabu sodi fl-impenn tagħna li nibqgħu bank sigur u konformi, u d-determinazzjoni tagħna li niġġieldu l-kriminalità finanzjarja se tkompli għall-benefiċċju tal-bank, il-klijenti tagħna, in-nies tagħna u l-ġurisdizzjoni inġenerali. Fl-istess waqt, se nkomplu ninvestu fis-servizz digitali għall-klijenti tagħna, f'netwerk tal-ATMs kompletament ġdid, u fl-uffiċċji l-ġodda tagħna li l-ewwel fażi tagħhom infetħet kmieni fl-2024. Aħna kburin ħafna bl-ambjent innovattiv li l-uffiċċji l-ġodda tagħna qed joffru għan-nies u l-klijenti tagħna.

Ġie ffirmat Ftehim Kollettiv ġdid wara proċess kollaborattiv mal-MUBE li kellu konklużjoni ġusta u sodisfaċenti fil-bidu tal-2024.

Fl-2024, se nkunu qed naħdmu bis-sħiħ biex nilħqu l-obbligi ta' rappurtar tagħna taħt ir-regolamenti tad-direttiva *Corporate Sustainability Reporting Directive* ('CSRD') li se jobbligaw lis-suq jirrapporta dwar il-progress li lkoll għandna nagħmlu biex nilħqu r-responsabbiltajiet ta' sostenibbiltà tagħna.

## Riżultati

Il-profitt irrappurtat qabel it-taxxa għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2023 kien ta' €133.9m, jew 141% meta mqabbel mal-2022. Dan jirrappreżenta żieda ta' €78.3m meta mqabbel mas-sena ta' qabel. It-titjib fil-prestazzjoni tal-bank kien xprunat minn żieda fid-dħul nett mill-imgħax u profitti ogħla mis-sussidjarja tal-assigurazzjoni. Komplejna nesperjenzaw titjib fil-kwalità tal-kreditu tal-portafoll tas-self tagħna li rriżulta f'rilaxxi ta' Telf ta' Kreditu Mistenni. L-ispiża operattiva żdiedet prinċipalment minħabba investiment ikbar fin-nies u fit-teknoloġija.

Aktar dettalji dwar ir-riżultati finanzjarji jinsabu fir-reviżjoni tal-Kap Eżekuttiv.

Il-qligħ attribwibbli lill-azzjonisti jammonta għal €86.8m, li rriżulta fi qligħ sehem b'sehem ta' 24.1 ċenteżmu meta mqabbel ma' 10.0 ċenteżmu fl-2022.

Il-proporzjonijiet tal-kapital tal-bank tjiebu marġinalment bis-CET1 jiżdied minn 18.5% għal 20.6% u l-proporzjon tal-kapital totali żdied minn 21.3% għal 23.5%. Dan it-titjib kien immexxi minn żieda fil-profitti għas-sena u rivalutazzjoni ogħla tar-riżervi fuq il-portafoll tal-investiment tagħna *Hold-to-Collect* filwaqt li kienu parzjalment ikkumpensati minn tnaqqis ogħla fil-kapital għal self improduttiv hekk kif qed inkomplu nimplimentaw gradwalment ir-rekwiżiti kapitali. Il-bank qed iżomm bażi kapitali b'saħħitha u huwa kompletament konformi mar-rekwiżiti kapitali regolatorji.

Filwaqt li qed inkomplu nsaħħu l-bażi kapitali tagħna, nagħrfu l-importanza tad-dividendi lill-azzjonisti tagħna. Il-Bord għalhekk irrakkomanda proporzjon ta' ħlas ta' dividendi ta' 40% fuq il-profitti rrappurtati.

Id-dividend gross finali se jkun ta' 15.0 ċenteżmu għal kull sehem (9.75 ċenteżmi għal kull sehem nett mit-taxxa).

# L-ambjent regolatorju tagħna

Matul l-2023, kompliet l-enfasi fuq il-ġestjoni prudenzjali tar-riskju mill-awtoritajiet regolatorji u superviżorji, b'enfasi prinċipalment fuq l-attivitajiet ta' governanza u ġestjoni tar-riskju tal-bank kif ukoll ir-riskju tal-kreditu. Il-mudell tan-negozju tal-bank baqa' allinjat mal-prinċipju ta' tkabbir sostenibbli, bi *buffers* ta' riskju prudenzjali stretti iżda aktar sikuri, u standards ta' konformità robusti.

L-impenn regolatorju mar-regolaturi prinċipali tal-bank kompla b'mod trasparenti, u kopra diversi temi u valutazzjonijiet tar-riskju, fosthom ir-riskju tal-kreditu, li sar bħala riżultat tas-superviżjoni diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-prijoritajiet superviżorji tiegħu. Matul dan il-perjodu, l-ingaġġ regolatorju kien iffukat prinċipalment fuq li naċċertaw li l-istrutturi, il-proċeduri u l-kontrolli interni ta'governanza u prudenzjali ta' ġestjoni tar-riskju jkunu qed joperaw b'mod effettiv. Din il-ħidma tkompli tkun kruċjali għall-proċess ta' evalwazzjoni superviżorja tar-regolaturi.

Il-Programm ta' Żvilupp Regolatorju tal-bank mexa 'l quddiem fuq għadd ta' rekwiżiti ġodda u mtejba relatati mar-regolament ta' *Sustainable Finance Disclosure Regulation* ('SFDR'). Barra minn hekk, għaddejja ħidma preparatorja sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regolamenti ġodda li ġejjin tal-Unjoni Ewropea ('UE') rigward pagamenti, jiġifieri, il-*Payments Services Regulations and Instant Payments*, kif ukoll id-*Digital Operational Resilience Act*.

Matul l-2023, il-bank baqa' f'impenn mill-qrib mar-regolaturi u l-korpi tal-industrija matul il-konsultazzjoni u l-proċessi ta' implimentazzjoni kontinwi rigward bidliet regolatorji oħra. Il-bank se jkompli josserva mill-qrib l-iżviluppi regolatorji rilevanti kollha li ġejjin sabiex jaderixxi bis-sħiħ mal-obbligi legali u regolatorji tiegħu, filwaqt li jikkontribwixxi għall-aġenda regolatorja u l-proċess ta' konsultazzjoni li qed jevolvu fil-ġurisdizzjoni lokali u Ewropea.

# Ir-responsabbiltà tagħna lejn il-komunità

Permezz tal-HSBC Malta Foundation, il-bank ifittex li jaħdem ma' bosta partijiet interessati fil-komunità bil-għan li jinħoloq futur sostenibbli. Permezz tar-riżorsi tal-Grupp HSBC u b'netwerk ta' msieħba, naħdmu biex nindirizzaw problemi kritiċi f'oqsma ewlenin ta' finanzi sostenibbli, klima u ħiliet futuri. Nibqgħu impenjati wkoll li nagħmlu differenza f'oqsma oħra, bħal, iżda mhux limitati għal, l-edukazzjoni taż-żgħażagħ u l-ħarsien tal-ambjent u l-wirt tagħna. Aħna kburin bil-kollegi ta' HSBC li jikkontribwixxu għall-karitajiet u kawżi li għandhom passjoni għalihom. F'dan ir-rigward, aħna nagħtu lill-impjegati kollha tagħna ġurnata mħallsa biex jieħdu bħala leave u jwettqu xogħol volontarju fil-komunità. Barra minn hekk, il-Fondazzjoni hi grata immens għall-appoġġ u l-gwida mill-membri esperjenzati tagħna tal-Bord tal-HSBC Malta Foundation.

Matul l-2023, il-bank iffoka fuq il-ħolqien ta' dinja u soċjetà aktar sostenibbli, kemm internazzjonalment kif ukoll lokalment. Il-bank stabbilixxa serje ta' impenji biex jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni globali lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u biex isir bank b'nett żero. Aħna impenjati li nnaqqsu l-impronta tagħna permezz tal-operat, il-katina tal-provvista u l-portafoll ta' finanzjament tagħna. L-għan tagħna huwa li niksbu nett zero fl-operat tagħna stess u fil-katina tal-provvista sal-2030 jew qabel. Aħna nagħmlu aġġornamenti regolari u trasparenti biex nikkomunikaw il-progress tagħna f'konformità mal-linji gwida stabbiliti mit-*Taskforce* ta' *Climate-related Financial Disclosure*. Inħeġġu lill-klijenti tagħna jagħmlu l-istess. HSBC Bank Malta p.l.c. huwa wkoll wieħed mill-membri fundaturi tal-*Malta ESG Alliance* ('MESGA'). L-għanijiet tal-MESGA huma li taqsam viżjoni komuni għal bidla fis-soċjetà u Malta kompetittiva; twassal benefiċċji lill-komunità; timpenja għal inizjattivi kredibbli, tanġibbli u kwantifikabbli; tisfrutta opportunitajiet tas-suq ESG għan-negozju u l-Gżejjer Maltin; tkejjel u tirrapporta b'mod regolari il-progress dwar inizjattivi; u tinkuraġġixxi lin-negozji li jaqsmu l-istess valuri biex isegwu u jingħaqdu.

Bħalissa l-HSBC Malta Foundation qed tisponsorja żewġ proġetti ta' trasformazzjoni ewlenin konformi mal-prijoritajiet strateġiċi tagħha. L-ewwel proġett huwa marbut ma' *Future Skills* li għandu l-għan lijħares lejn il-ħiliet meħtieġa fil-futur tax-xogħol. Dan il-proġett ta' riċerka fuq medda ta' tliet snin għandu l-għan li jidentifika l-ħiliet meħtieġa għall-futur tax-xogħol f'Malta u biex dawn il-ħiliet jiġu mdaħħla fil-kurrikulu nazzjonali. It-tieni proġett huwa marbut mal-ambizzjoni tagħna għall-klima u l-istrateġija ta' emissjonijiet nett żero. Dan il-proġett li qed jitmexxa mill-HSBC Malta Foundation bi sħab mal-Kamra Maltija għall-Kummerċ, Intrapriża, u Industrija, u huwa intitolat *'Maximising energy efficiency through building renovation: HSBC Case Study'*. Permezz ta' dan l-istudju fundamentali, HSBC qed iwitti t-triq għal riċerka u tfassil ta' politika aktar avvanzati u qed imexxi t-tranżizzjoni lejn aktar bini Malti sostenibbli. Bl-uffiċċji tiegħu f'Ħal Qormi bħala studju ta' każ kruċjali, HSBC qed jieħu rwol ta' tmexxija fit-tranżizzjoni għal livell għoli fl-effiċjenza fl-enerġija u bini ta' uffiċċji b'livell baxx ta' karbonju f'Malta. Huwa proġett tassew innovattiv.

Kull sena, l-HSBC Malta Foundation tiddisponi parti mill-fondi tagħha għal kawżi li huma importanti għall-komunità tagħna. Matul l-2023, il-Fondazzjoni appoġġat għadd ta' proġetti fosthom il-*Prince's Trust International Achieve Programme*, il-*JAYE Malta Foundation (Young Enterprise)*, il-Kamra Maltija tal-Kummerc, il *Malta Community Chest Fund Foundation* u l-Fondazzjoni Patrimonju Malti fost oħrajn. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-impjegati kollha tagħna li l-appoġġ u d-dedikazzjoni tagħhom lejn dawn l-inizjattivi u proġetti għall-benefiċċju tal-komunità li naqdu.

Temmejna s-sena b'dimostrazzjoni oħra ta' spirtu komunitarju u ġenerożità, fejn offrejna appoġġ essenzjali u ferħ festiv lil dawk fil-bżonn. B'kollaborazzjoni ma' 34 organizzazzjoni mhux governattiva (NGOs) madwar Malta, il-Fondazzjoni żgurat li l-ferħ tal-istaġun tal-festi jilħaq lil ħafna, partikolarment dawk li huma l-aktar vulnerabbli. L-inizjattiva ta' din is-sena, li kienet akbar minn qatt qabel, involviet il-ġbir u d-distribuzzjoni ta' firxa wiesgħa ta' oġġetti. Id-donazzjonijiet kienu jvarjaw minn ħtiġijiet bażiċi bħall-ikel u oġġetti tal-kura personali għal talbiet aktar speċifiċi bħal rigali tat-tfal u materjal edukattiv. L-isforz kollettiv tal-impjegati ta' HSBC, flimkien mal-kontribuzzjonijiet minn uħud mill-aqwa klijenti tagħna u diversi skejjel lokali kienu xhieda tal-qawwa tal-involviment tal-komunità.


Rappreżentanti mill-HSBC Malta Foundation u l-NGOs li wasslu appoġġ essenzjali u ferħ festiv lil dawk l-aktar vulnerabbli

L-inizjattiva tal-Milied tal- HSBC Malta Foundation hi eżempju brillanti tal-komunità u s-solidarjetà li tista' tinkiseb meta individwi u organizzazzjonijiet jingħaqdu biex jagħmlu differenza pożittiva matul l-istaġun tal-festi. L-NGOs li ħadu sehem kienu jinkludu l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Ordni Sovran ta' Malta, Dar Frate Jacoba, Smiling with Jerome, Dar Bjorn, Suret il-Bniedem, The National Foster Care Association, RISe, The Ursuline Sisters, Dar Hosea, is-Servizzi għall-Istudenti tal-MCAST, Caritas Malta, The Life Network Foundation, FSWS – Aġenzija Sedqa, *St Jean Antide Foundation*, SOAR, *Richmond Foundation*, YMCA, *The Soup Kitchen* fil-Belt Valletta, *The Malta Trust Foundation*, *Building Bridges*, S.T.A.N.D., *Loop Malta*, *Hospice Malta*, Fondazzjoni Sebħ, Fidem, Dar il-Kaptan, Osanna Pia Home, *Inspire*, Kummissjoni Djakonija Żurrieq, *The Foodbank Lifeline Foundation* u Fondazzjoni Dar il-Hena, b'kull wieħed jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-benesseri ta' gruppi differenti fi ħdan il-komunità.

## Il-Bord tad-Diretturi tagħna

Matul l-2023, Henri Mizzi ċeda l-kariga tiegħu ta' Direttur Mhux Eżekuttiv tal-bank b'effett mill-31 ta' Ottubru 2023, wara l-ħatra tiegħu bħala Imħallef fil-Qrati Superjuri ta' Malta. Is-sostitut tiegħu se jitħabbar fi żmien debitu. Fl-2023, ingħata bidu għall-proċess biex tinkiseb approvazzjoni regolatorja sabiex Alexiei Dingli, Professur tal-Intelliġenza Artifiċjali (AI), isir membru tal-Bord tal- HSBC Bank Malta p.l.c.. Hu nħatar formalment malli rċieva l-approvazzjoni regolatorja tiegħu f'Jannar 2024. Dan jirrifletti l-isforz tal-bank fid-diġitalizzazzjoni u biex jimmodernizza l-approċċ tiegħu. Alexiei Dingli ħa post Yiannos Michaelides li kien wasal fi tmiem il-mandat tiegħu mal-bank. Il-Bord tad-Diretturi huwa grat għall-kontribuzzjonijiet ta' Yiannos matul is-snin bl-għarfien tekniku u l-esperjenza fin-negozju tiegħu.

Il-Bord tad-Diretturi tal-bank huwa magħmul minn kollegi li l-oqsma varjati ta' kompetenza u esperjenzi tagħhom jikkontribwixxu għarfien mingħajr paragun dwar l-aġendi varjati diskussi matul il-laqgħat ta' matul is-sena, biex b'hekk jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet kollha meħuda jkunu bbażati fuq l-ogħla standards etiċi u għarfien tas-settur bankarju.

Inħossni privileġġjat li nservi bħala ċ-Chairman ta' dan il-grupp ta' nies eċċellenti. F'ismimkom, irrid nesprimilhom il-gratitudni tiegħi għall-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom għall-ħidma tal-Bord.

## In-Nies tagħna

Is-suċċess tal-bank tagħna dejjem se jkun dovut fil-biċċa l-kbira għall-kwalità tan-nies tagħna u għandi nifraħ u nirringrazzja lill-impjegati kollha tagħna għall-isforz li għamlu biex jaqdu lill-klijenti tagħna. L-ewwel nett irrid nifraħ lill-*management* għat-tmexxija eċċellenti tagħhom matul is-sena.

Il-bank tagħna huwa mmexxi minn tim ta' management professjonali, b'diversi ħiliet u impenjat. Iżda mhux biss. Fl-organizzazzjoni tagħna għandna x-xorti li jkollna nies li huma ugwalment professjonali u kburin li jagħmlu parti mill-HSBC u l-valuri globali li tirrappreżenta. Għalhekk nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi u tal-Bord tagħna lin-nies kollha tagħna li jaħdmu b'diliġenza kuljum biex iwasslu s-servizzi ta' HSBC lill-klijenti tagħna f'konformità mal-ogħla standards.

## Ħarsa 'l quddiem

Minkejja l-inċertezzi li tippreżenta s-sitwazzjoni globali, m'għandi l-ebda dubju li l-klijenti tagħna se jkomplu jibnu fuq is-suċċess tal-passat u se jkunu qed ifittxu opportunitajiet ta' investiment biex ikabbru n-negozju tagħhom. Aħna se nkomplu nappoġġaw bil-ħerqa dawk l-opportunitajiet li huma allinjati mal-valuri tagħna. Se nkomplu wkoll nisfruttaw il-ħila unika tagħna li ngħaqqdu kumpaniji Maltin mal-ekonomija globali.

Se nikkonkludi billi nesprimi l-gratitudni tiegħi lejkom, l-azzjonisti tagħna, għall-appoġġ u l-impenn kontinwu tagħkom lejn dan il-bank. Nassigurakom aħna kollha fl-HSBC Bank Malta p.l.c. se nkomplu nistinkaw għall-aħjar riżultati għall-investiment tagħkom.

*Iffirmat minn John Bonello (Chairman) fil-21 ta' Frar 2024*